KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2014[1]

Kawża C-456/13 P

T & L Sugars Ltdu
Sidul Açúcares, Unipessoal Lda
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Agrikoltura — Miżuri eċċezzjonali li jirrigwardaw it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' zokkor u ta' iżoglukożju 'l fuq mill-kwota — Regolament (UE) Nru 222/2011 — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 93/2011 — Miżuri li jiftħu kwota tariffarja ta' importazzjoni eċċezzjonali ta' zokkor — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 302/2011 — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 393/2011 — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Persuni fiżiċi u ġuridiċi — Locus standi — L-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Atti regolatorji li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni — Kunċett"

1. Dan l-appell huwa ppreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-6 ta' Ġunju 2013, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni[2], li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet b'mod partikolari bħala inammissibbli r-rikors għal annullament ippreżentat minn T & L Sugars Ltd u minn Sidul Açúcares Unipessoal Lda, żewġ impriżi tar-raffinar taz-zokkor tal-kannamiela importat stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, kontra diversi regolamenti tal-Kummissjoni Ewropeali jadottaw miżuri eċċezzjonali ta' tqegħid fis-suq 'il fuq mill-kwota ta' zokkor u ta' iżoglukożju[3] u li jiftħu kwota tariffarja ta' importazzjoni eċċezzjonali ta' zokkor għas-sena tas-suq 2010/2011[4].

2. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett essenzjalment iddeċidiet li, sa fejn l-implementazzjoni tar-regolamenti kkontestati kienet teħtieġ l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' ċertu numru ta' miżuri, l-appellanti ma setgħux jinvokaw id-dispożizzjonijiet tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk hija qieset li r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011 ma kienx jirrigwarda individwalment lill-appellanti u hija, għaldaqstant, laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni billi ddikjarat ir-rikors inammissibbli sa fejn dan huwa intiż għall-annullament tar-regolamenti kkontestati.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-279/11, EU:T:2013:299, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

3 — Dawn huma r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 222/2011, tat-3 ta' Marzu 2011, li jistabbilixxi miżuri eċċezzjonali fir-rigward tar-rilaxx [tqegħid fis-suq] ta' zokkor u iżoglukożju 'l fuq mill-kwota fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqsa [rata mnaqqsa ta' impożizzjoni] fuq l-ammont żejjed matul is-sena tas-suq 2010/2011 (ĠU L 60, p. 6) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2011, tat-23 ta' Marzu 2011, li jistabbilixxi l-koeffiċjent ta' allokazzjoni, li jirrifjuta iktar applikazzjonijiet u li jagħlaq il-perijodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-kwantitajiet disponibbli ta' zokkor 'il fuq mill-kwota li jkunu se jinbiegħu fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqsa [rata mnaqqsa ta' impożizzjoni] fuq l-ammont żejjed (ĠU L 79, p. 8).

4 — Huma kkonċernati r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 302/2011, tat-28 ta' Marzu 2011, li jiftaħ kwota tariffarja eċċezzjonali għal ċerti kwantitajiet ta' zokkor għas-sena tas-suq 2010/2011 (ĠU L 81, p. 8) u Nru 393/2011, tad-19 ta' April 2011, li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2011 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji (ĠU L 104, p. 39).

3. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appell tal-appellanti jipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, hekk kif introdotti mit-Trattat ta' Liżbona, adottata mill-Qorti Ġenerali u li tiddefinixxi b'mod iktar preċiż liema huma l-atti regolatorji "li ma jinvolv[u]x miżuri ta' implimentazzjoni".

I – **Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża**

4. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew ippreżentanti fil-qosor ħafna mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 5 tas-sentenza appellata, li qed isir riferiment għalihom. L-elementi essenzjali tar-regolamenti kkontestati ser ikunu, barra minn hekk, ippreżentati, sa fejn ikun neċessarju, fil-kunsiderazzjonijiet segwenti.

II – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

5. Il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibiltà mressqa mill-Kummissjoni, billi ddeċidiet, minn naħa, li l-appellanti ma setgħux jinvokaw l-aħħar parti tar-raba' pargrafu tal-Artikolu 263 TFUE (punti 36 sa 73 tas-sentenza appellata) u, min-naħa l-oħra, li r-Regolament Nru 393/2011 ma kinx jirrigwardahom individwalment (punti 74 sa 94 ta' din is-sentenza). Il-punti prinċipali kkritikati tas-sentenza appellata ser jiġu ċċitati skont il-bżonn fil-kuntest tal-eżami tal-aggravji mressqa mill-appellanti.

III – **Fuq l-appell**

6. L-appellanti jressqu formalment tliet aggravji insostenn tal-appell tagħhom. Huma l-ewwel nett isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi billi qieset li l-miżuri adottati f'dan il-każ mill-awtoritajiet nazzjonali kienu jikkostitwixxu miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Huma sussegwentement iqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li r-Regolament Nru 393/2011 ma kienx jirrigwardahom individwalment. Fl-aħħar nett huma jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi fil-punt 97 tas-sentenza appellata hija ddeċidiet li, peress li r-rikors għal annullament tagħhom ġie ddikjarat inammissibbli, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 186(a) u 187 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)[5], li huma kienu ressqu fir-rigward ta' dan ir-rikors kellha, konsegwentement, tiġi miċħuda.

IV – **Fuq l-ewwel aggravju**

A – *L-argumenti tal-partijiet*

7. Fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti essenzjalment isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi billi kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 ma kinux issodisfatti f'dan il-każ.

5 — ĠU L 299, p. 1.

8. Huma jenfasizzaw li l-interpretazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE timplika li ssir distinzjoni bejn il-veri miżuri ta' implementazzjoni u oħrajn, fatt li jeħtieġ li jiġu eżaminati l-kontenut tal-atti regolatorji kkontestati u n-natura speċifika tal-miżuri adottati mill-Istati Membri, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri u l-għan ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-partijiet fil-kawża li din id-dispożizzjoni trid tilħaq.

9. Il-Qorti Ġenerali wettqet l-ewwel żball ta' liġi billi ddeċidiet li kull miżura adottata minn Stat Membru fil-kuntest ta' regolament kienet tikkostitwixxi, anke jekk din tkun awtomatika jew insinjifikanti, deċiżjoni ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament.

10. Il-Qorti Ġenerali wettqet it-tieni żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-miżuri adottati f'dan il-każ mill-Istati Membri kienu miżuri ta' implementazzjoni tar-regolamenti kkontestati, filwaqt li dawn kienu ġew adottati fl-assenza ta' kull setgħa diskrezzjonali ta' dawn tal-aħħar, peress li dawn ma għamlu ebda għażla u lanqas ma ħadu ebda deċiżjoni, iżda aġixxew bħala sempliċi riċevituri.

11. Il-Qorti Ġenerali wettqet it-tielet żball ta' liġi billi affermat, fil-punt 53 ta' din is-sentenza, li s-setgħa diskrezzjonali li l-Istati Membri għandhom ma hijiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk att regolatorju "jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni".

12. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet ir-raba' żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punti 69 sa 72 tas-sentenza appellata, li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma setgħetx twassal sabiex ir-rikors tagħhom jiġi ddikjarat amissibbli.

13. F'dan ir-rigward huma jenfasizzaw li huma espliċitament sostnew li huma ma kellhom ebda rimedju quddiem il-qrati nazzjonali, b'mod li huma kellhom jiksru l-liġi u jinbdew proċeduri kontrihom sabiex huma jkunu jistgħu jikkontestaw ir-regolamenti kkontestati. F'din il-perspettiva, id-dispożizzjonijiet tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kellhom jiġu interpretati fid-dawl tal-effikaċità proċedurali tagħhom. Barra minn hekk, dawn l-aħħar ma għandhomx bħala għan biss li jiġu evitati s-sitwazzjonijiet li fihom l-individwi għandhom jiksru l-liġi sabiex ikollhom aċċess għall-ġustizzja.

14. Huma sussegwentement isostnu li l-Kummissjoni kif ukoll il-Qorti Ġenerali fil-punti 63, 65 u 72 tas-sentenza appellata, tirrikonoxxi bil-miftuħ l-assenza ta' rimedji legali nazzjonali. Huma jinsistu fuq il-fatt li l-atti adottati mill-awtoritajiet nazzjonali b'applikazzjoni tar-regolamenti kkontestati ma setgħux jiġu kkontestati fil-Portugall, ħlief jekk dawn ikunu ġew adottati *ultra vires*, fatt li ma huwiex il-każ. F'kull każ, dawn l-atti ma kinux pubbliċi sa fejn dawn kienu jinkludu sigrieti kummerċjali.

15. Il-Kummissjoni, sostnuta kompletament mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Gvern Franċiż iqisu, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi billi qieset li r-regolamenti kkontestati kienu jinkludu miżuri ta' implementazzjoni.

B – *Analiżi*

16. L-argumenti mressqa mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-appell joffru lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni tapprofondixxi l-interpretazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE miżjuda mit-Trattat ta' Liżbona. Dawn tal-aħħar jistiednu b'mod iktar partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-portata tar-regoli l-ġodda dwar il-*locus standi* tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi fir-rigward tal-atti regolatorji previsti mit-Trattat ta' Liżbona u, b'mod iktar

preċiż, il-kundizzjoni doppja introdotta minn dan tal-aħħar[6].

17. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, diġà ddefinixxiet il-kunċett ta' "att regolatorju" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u dan b'mod partikolari bħala li jeskludi l-atti leġiżlattivi[7], hija, min-naħa l-oħra, għadha ma kellhiex l-okkażjoni tindirizza, għall-inqas f'termini pożittivi[8], il-kundizzjoni doppja li tissuġġetta l-*locus standi* tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-rigward ta' dawn it-tip ta' atti għall-kundizzjoni li dawn jirrigwardawhom direttament u ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni lil hinn mill-interess dirett.

18. Skont ġurisprudenza stabbilita huwa billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida, il-kliem tagħha u l-kuntest li minnu din tifforma parti kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi stabbilit liema huma l-"att[i] regolatorj[i] li jirrigward[aw] direttament [lir-appellanti] u li ma jinvolv[u]x miżuri ta' implimentazzjoni"[9], peress li l-funzjoni ssodisfatta minn din id-dispożizzjoni l-ġdida fis-sistema ta' rimedji stabbiliti mit-Trattat hija ta' importanza partikolari.

19. F'dan ir-rigward, hemm lok li nibda din l-investigazzjoni billi nfakkar, b'mod ġenerali, li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tikkonstata li d-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE rendew inqas stretti l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn persuni fiżiċi u ġuridiċi kontra ċerti atti regolatorji, jiġifieri dawk li jirrigwardawhom direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni, billi neħħew il-kundizzjoni dwar l-interess dirett[10].

20. Billi jirriproduċi f'termini identiċi l-kontenut ta' dak li kien l-Artikolu III-365(4) tal-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropea, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE l-ġdid għandu għaldaqstant l-għan li jwessa' l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kontra ċerti atti regolatorji, filwaqt li ma jintroduċi ebda bidla fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi kontra l-atti leġiżlattivi[11]. Dan huwa intiż sabiex jippermetti li jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra atti ta' portata ġenerali, bl-esklużjoni tal-atti leġiżlattivi[12], f'kundizzjonijiet inqas stretti minn dawk li kienu jipprevalu sa dak iż-żmien, jiġifieri mingħajr ma trid tingħata prova tal-interess individwali. Huwa billi jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-għan ta' inqas strettezza li għandhom jiġu interpretati ż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti mill-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiġifieri li l-att regolatorju kkontestat jirrigwarda lill-appellanti direttament u li dan ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

21. F'dan il-punt, għandu l-ewwel nett jiġi enfasizzat li l-kliem stess tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jqajjem inkontestabbilment problemi ta' interpretazzjoni[13].

6 — Fir-rigward tal-introduzzjoni tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, nirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:21, punt 40) u Telefónica vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:204, punti 39 sa 44), li jagħtu lill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00 P, EU:C:2002:197, punt 43) il-klassifikazzjoni, qabel iż-żieda ta' din il-parti, ta' "att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni" bħala kategorija ġuridika tad-dritt tal-Unjoni

7 — Ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 50 sa 61).

8 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, diġà ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida, iżda mhux f'ħafna dettall u biss sabiex teskludi l-applikazzjoni tagħha; ara s-sentenzi Telefónica vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:852, punti 30 u 31); Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100, punti 50 u 51), u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2014:105, punti 37 u 38).

9 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (EU:C:2013:625, punt 50).

10 — *Ibidem* (punt 57).

11 — *Ibidem* (punt 59).

12 — *Ibidem* (punt 60).

13 — Xi wħud minn dawn il-problemi diġà tqajmu mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Telefónica vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:204, punti 36 sa 38). Ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawżi Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2013:335, punt 74) u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2013:336, punt 47).

22. Huwa bla dubju veru li l-kundizzjoni tal-interess dirett hekk kif din kienet diġà teżisti, flimkien mal-kundizzjoni tal-interess individwali, "qabel Liżbona", u kemm waħda kif ukoll l-oħra minn dawn il-kundizzjonijiet kienu s-suġġett tal-interpretazzjoni kif nafuha aħna.

23. Għal dak li jirrigwarda l-interess dirett, irrispettivament minn liema huwa l-att ta' portata ġenerali kkontestat, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din teħtieġ li dan jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuna fiżika jew ġuridika rikorrenti u li, fil-każ li dan jinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri intermedji, dan ma jħalli ebda setgħa diskrezzjonali lill-awtoritajiet inkarigati mill-implementazzjoni tiegħu, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biss[14]. Għaldaqstant l-eżistenza biss ta' atti nazzjonali li jgħaqqdu lir-rikorrent ma' att ta' portata ġenerali li jirrigwardah individwalment ma tikkostitwixxix neċessarjament fiha nnifisha ostakolu għar-rikonoxximent tal-*locus standi* tiegħu.

24. Il-kwistjoni li għaldaqstant tqum hija dik dwar kif għandha tiġi identifikata t-tifsira tar-regoli l-ġodda dwar l-atti regolatorji, li, filwaqt li jinkludu l-kundizzjoni tal-interess dirett, iżidu dik relatata mal-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni bħala kundizzjoni addizzjonali. Fl-opinjoni tiegħi din l-interpretazzjoni ma tistax sempliċement tittrasponi d-definizzjoni tal-kundizzjoni tal-interess dirett identifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja meta din il-kundizzjoni kellha flimkien magħha l-kundizzjoni tal-interess individwali.

25. Fil-fatt, il-kundizzjoni tal-interess dirett, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-verżjoni tat-Trattat preċedenti għal dak ta' Liżbona, kienet diġà bbażata fuq interpretazzjoni li l-eżistenza ta' attività ta' implementazzjoni purament awtomatika ma kinitx tostakola r-rikonoxximent tal-*locus standi*. Jista' għaldaqstant jiġi sostnut li l-kundizzjoni dwar l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni, jiġifieri l-assenza ta' atti li jmorru lil hinn minn implementazzjoni purament awtomatika, hija diġà inkluża f'din il-kundizzjoni.

26. Minn ċertu perspettiva, it-Trattat ta' Liżbona kkomplika s-sempliċità relattiva ta' dawn ir-regoli. Minn naħa, dan żamm ir-regoli l-qodma għal dak li jirrigwarda l-"atti" inġenerali, għajr id-deċiżjonijiet individwali, billi żamm il-kundizzjoni tal-interess dirett u individwali. Min-naħa l-oħra dan idderoga minn din ir-regola għal dak li jirrigwarda l-kategorija tal-"atti regolatorji", billi introduċa kundizzjoni doppja *oħra*, l-interess dirett "u" l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni.

27. B'dan il-mod, ir-regoli l-ġodda dwar l-atti regolatorji jġegħluna nagħmlu distinzjoni bejn iż-żewġ kundizzjonjiet relatati ma' dawn l-atti, jiġifieri li jingħata sens lil dan il-kunċett doppju. Fil-fatt, għandu jiġi konkluż li, skont it-termini stess tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jista' jkun hemm atti regolatorji li, filwaqt li jirrigwardaw direttament lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jistgħu jinvolvu wkoll miżuri ta' implemetazzjoni.

28. Hemm għaldaqstant żewġ teżijiet kunflinġenti. Skont l-ewwel waħda minnhom, is-sempliċi intervent, żgħir kemm huwa żgħir, minn awtorità amministrattiva nazzjonali fil-proċess ta' implementazzjoni ta' att regolatorju huwa biżżejjed sabiex il-kundizzjoni relatata mal-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni ma tkunx issodisfatta. Din hija, *grosso modo*, it-teżi difiża mill-Gvern Franċiż, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill

29. Kif ser nipprova nuri, din it-teżi madankollu tmur kontra interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni introdott reċentement mit-Trattat ta' Liżbona.

14 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Glencore Grain vs Il-Kummissjoni (C-404/96 P, EU:C:1998:196, punt 41) kif ukoll is-sentenzi tal-istess jum; Front national vs Il-Parlament (C-486/01 P, EU:C:2004:394, punt 34); Il-Kummissjoni vs Ente per le Ville Vesuviane u Ente per le Ville Vesuviane vs Il-Kummissjoni (C-445/07 P u C-455/07 P, EU:C:2009:529, punt 45); Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2014:100, punt 68) u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2014:105, punt 55).

30. Fil-fatt għandi nosserva li l-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni huwa semantikament iktar sinjur minn dak li jirriżulta minn din l-ewwel teżi. B'mod partikolari, il-kelma "miżuri" użata fl-aħħar parti tar-raba' paragafu tal-Artikolu 263 TFUE, irrispettivament mil-lingwa użata, tinkludi b'mod inevitabbli l-eżerċizzju ta' ċertu "setgħa", fatt li għaldaqsant jimplika ċertu marġni diskrezzjonali fl-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' setgħa pubblika. Kull kompitu fdat lil awtorità pubblika nazzjonali ma jimplikax, minħabba s-sempliċi fatt li hija għandha twettqu, li l-atti li hija tadotta għal dan il-għan jaqgħu taħt il-kunċett ta' miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Huwa importanti li tittieħed inkunsiderazzjoni, konkretament u f'kull każ, in-natura, iżda wkoll il-forma u l-intensità tal-kollaborazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet nazzjonali.

31. Ħlief sabiex jixxejjen l-għan li jrid jintlaħaq ta' inqas strettezza tal-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra l-atti regolatorji mhux leġiżlattivi, jidher fil-fatt diffiċili li dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda jiġu interpretati fis-sens li l-eżistenza ta' atti tal-awtoritajiet nazzjonali mhux sostanzjali, anċillari biex ngħidu hekk, frott ta' xi attività jew adottati fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' setgħa limitata, li jgħaqqdu lir-rikorrent mal-att regolatorju kkontestat, tista' tiġi analizzata bħala li tippermetti li jitqies simultanjament li l-kundizzjoni tal-interess dirett hija sodisfatta u li l-kundizzjoni relatata mal-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni ma hijiex sodisfatta, minħabba din is-sempliċi għaqda.

32. Abbażi ta' dawn l-argumenti, niddefendi t-teżi alternattiva li tgħid li l-lingwaġġ il-ġdid li permezz tiegħu t-Trattat jiddefinixxi l-*locus standi* tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi fir-rigward tal-atti regolatorji fil-forma taż-żewġ kundizzjonijiet li jikkonċernawna twassalna nipproċedu sabiex dan jista' jintfiehem bħala "diviżjoni funzjonali" bejn dawn il-kundizzjonijiet. Skont din id-diviżjoni, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, id-definizzjoni tar-regola fiha nnifisha u taċ-ċirku tad-destinatarji tagħha (interess dirett), u min-naħa l-oħra, id-determinazzjoni ta' pluralità ta' ċirkustanzi speċifiċi għall-applikazzjoni konkreta tagħha u għall-implementazzjoni tagħha (proċedurali, kwantitattivi, temporali, fost oħrajn) li jippermettu li jiġi stabbilit li din ir-regola hija kompletament u fiha nnifisha *operattiva*. Sussegwentement jista' jiġi sostnut li l-interess dirett jirreferi, kemm għad-definizzjoni tar-regola kif ukoll għad-determinazzjoni tad-destinatarji tagħha, filwaqt li l-miżuri ta' implementazzjoni jiggarantixxu li din ir-regola, li d-destinatarji tagħha huma ddeterminati, tkun kompletament operattiva.

33. Jekk din kellha tkun l-interpretazzjoni adottata, ikun fi tmiem ta' analiżi *in concreto* tal-għan, tal-kontenut u tal-effetti tal-att regolatorju kkontestat stess fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent [15], li jkun jista' għaldaqstant jiġi eventwalment konkluż li dan jinvolvi jew ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

34. F'dan il-każ, huwa ċertament veru li l-implementazzjoni operattiva tar-regolamenti kkontestati kienet teħtieġ l-intervent tal-Istati Membri u l-adozzjoni minn dawn tal-aħħar ta' ċertu numru ta' atti amministrattivi, hekk kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, jiġifieri, essenzjalment, ir-riċezzjoni tal-applikazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, il-verifika tal-ammissibbiltà tagħhom abbażi tar-rekwiżiti formali li huma stabbilixxew, it-trażmissjoni tagħhom lill-Kummissjoni, u sussegwentement il-ħruġ taċ-ċertifikati abbażi tal-koeffiċjenti ta' tqassim stabbiliti mill-Kummissjoni. Huwa madankollu diffiċli li jitqies li l-attività ta' sempliċi amministrazzjoni hekk żviluppata mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tifforma parti mill-eżerċizzju ta' setgħa ta' implementazzjoni.

35. Il-funzjoni ta' kollaborazzjoni amministrattiva hekk assunta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jidhirlix li tikkorrispondi għal dak li l-persuni li abbozzaw it-Trattat kellhom f'moħħhom meta huma stabbilixxew il-kundizzjoni doppja inqas stretta l-ġdida għall-ammissibbiltà għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jressqu rikors għal annullament kontra l-atti regolatorji.

15 — Ara s-sentenzi Telefónica vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:852, punt 35); Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2014:100, punt 53) u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2014:105, punt 40).

36. Qabel kollox għandu jitfakkar li, f'dan il-każ, peress li l-Kummissjoni kkonstatat li kien neċessarju li tiġi limitata d-differenza negattiva bejn id-disponibbiltà u l-użu taz-zokkor fis-suq tal-Unjoni matul is-sena tas-suq 2010/2011, hija qieset li kien neċessarju, minn naħa, li titqiegħed fis-suq parti taz-zokkor prodott 'il fuq mill-kwota ffissata fl-Artikolu 56 tar-Regolament Nru 1234/2007 u, min-naħa l-oħra, li jintużaw kompletament il-flussi ta' importazzjoni kollha eżistenti. Għaldaqstant hija adottat ir-Regolament Nru 222/2011, li jistabbilixxi miżuri eċċezzjonali fir-rigward tar-rilaxx [tqegħid fis-suq] ta' zokkor u iżoglukożju 'l fuq mill-kwota fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqsa [rata mnaqqsa ta' impożizzjoni] fuq l-ammont żejjed, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 302/2011, tat-28 ta' Marzu 2011, li jiftaħ kwota tariffarja eċċezzjonali għal ċerti kwantitajiet ta' zokkor għas-sena tas-suq 2010/2011.

37. Ir-Regolament Nru 222/2011 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011 ġew ikkompletati permezz ta' żewġ regolamenti ta' implementazzjoni li rispettivament huma intiżi sabiex jiffissaw il-koeffiċjenti ta' tqassim tal-kwantitajiet ta' zokkor 'il fuq mill-kwota mqiegħda fis-suq b'rata żero ta' impożizzjoni fuq l-ammont żejjed ta' produzzjoni (Regolament ta' Implementazzjoni Nru 293/2011) u tal-kwota ta' importazzjoni (Regolament ta' Implementazzjoni Nru 393/2011), abbażi tal-applikazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati trażmessi mill-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 293/2011 jiċħad l-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' importazzjoni ppreżentati bejn il-21 ta' Marzu u l-25 ta' Marzu 2011 u jiffissa għat-28 ta' Marzu 2011 it-tmiem tal-perijodu għall-preżentazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 393/2011 jissospendi l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għal ċertifikati msemmija fl-anness tiegħu sal-aħħar tas-sena tas-suq.

38. Barra minn hekk għandu jitfakkar li l-appellanti essenzjalment isostnu li r-regolamenti kkontestati jqiegħdu lir-raffineriji taz-zokkor tal-kannamiela importaturi f'sitwazzjoni kompetittiva sfavorevoli meta mqabbla ma' dik tal-prodotturi u tal-proċessuri lokali tal-pitravi, bi ksur tar-regolament bażiku u tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' proporzjonalità u ta' protezzjoni tal-aspettativi leġittimi. Min-naħa l-oħra huma bl-ebda mod ma jikkontestaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikati.

39. Meta analizzat dawn iż-żewġ sensieli ta' regolamenti [16], il-Qorti Ġenerali osservat li, sabiex jingħataw id-dritt li jikkummerċjalizzaw jew li jimportaw zokkor filwaqt li jibbenefikaw mill-iskemi eċċezzjonali previsti minn dawn tal-aħħar, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati għandhom l-ewwel nett jippreżentaw applikazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali [17], u li dawn tal-aħħar sussegwentement japplikaw il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stabbiliti mir-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nri 293/2011 u 393/2011 [18]. Minn dan hija ddeduċiet li r-regolamenti kkontestati ma setgħux jipproduċu l-effetti legali tagħhom fir-rigward tal-operaturi kkonċernati mingħajr l-eżistenza ta' miżuri preċedenti meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali.

40. Filwaqt li sussegwentement ikkonstatat li dawn il-miżuri nazzjonali kienu ta' natura deċiżjonali, peress li l-awtoritajiet huma awtorizzati jimponu kundizzjonijiet formali fuq l-applikanti, jiddeċiedu dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet u joħorġu ċ-ċertifikati [19], il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-regolamenti kkontestati "kienu bbażati" fuq deċiżjonijiet individwali meħuda fuq livell nazzjonali, li fl-assenza tagħhom dawn ir-regolamenti ma setgħux jaffettwaw il-pożizzjoni legali tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati [20]. Għaldaqstant hija ddeċidiet li r-regolamenti kkontestati ma setgħux jiġu kklasifikati bħala atti li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

41. Din l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

16 — Punti 38 sa 41 u 42 sa 45, rispettivament, tas-sentenza kkontestata.

17 — *Ibidem* (punt 46).

18 — *Ibidem* (punt 47).

19 — *Ibidem* (punt 49).

20 — *Ibidem* (punt 50).

42. Fil-fatt, u qabel kollox, hija l-Kummissjoni li ddefinixxiet kompletament il-miżuri eċċezzjonali stabbiliti bir-Regolament Nru 222/2011 u bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011, billi ffissat il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, *ratione materiae*, *ratione personae* u *ratione temporis*, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-eleġibbiltà u għall-ammissibbiltà li l-ibbenefikar minnhom kien suġġett għalihom [21].

43. F'dan ir-rigward għandhu qabel kollox jiġi osservat li, minkejja l-fatt li ż-żewġ sensiela ta' regolamenti ma għandhomx l-istess kamp ta' applikazzjoni *ratione personae*, il-Qorti Ġenerali analizzathom mingħajr bl-ebda mod ma ħadet din id-differenza inkunsiderazzjoni. Issa, għalkemm ma huwiex ikkontestat li r-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nri 302/2011 u 393/2011 jirrigwardaw direttament lill-appellanti, fil-kapaċità tagħhom ta' raffineriji taz-zokkor tal-kannamiela importat, huwa min-naħa l-oħra ħafna iktar diffiċli li jitqies li r-Regolament Nru 222/2011 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 293/2011 jirrigwardaw lil dawn l-appellanti peress li dawn iż-żewġ regolamenti tal-aħħar ma jistgħux, minħabba l-kamp ta' applikazzojni tagħhom, ibidlu bl-ebda mod is-sitwazzjoni legali tal-appellanti.

44. Hija barra minn hekk il-Kummissjoni wkoll li, abbażi tal-elementi miġbura, iffiltrati fejn meħtieġ u trażmessi mill-Istati Membri, iffissat il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni tal-kwantitajiet ta' zokkor intiżi għat-tqegħid fis-suq b'rata mnaqqsa ta' impożizzjoni (Regolament ta' Implementazzjoni Nru 293/2011) u taċ-ċertifikati ta' importazzjoni (Regolament ta' Implementazzjoni Nru 393/2011).

45. Ċertament, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati kellhom, kemm fl-ewwel każ kif ukoll fl-ieħor, jippreżentaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti applikazzjoni għal ċertifikat. Madankollu dawn l-applikazzjonjiet ma kinux jikkostitwixxu d-dritt għall-ibbenefikar mill-miżuri eċċezzjonali deċiżi.

46. Ċertament ukoll, kienu l-awtoritajiet nazzjonali li kienu inkarigati milli jiriċievu l-applikazzjonjiet għal ċertifikat, milli jeżaminaw, skont il-każ, l-ammissibbiltà tagħhom, u sussegwentement milli japplikaw il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni u milli joħorġu ċ-ċertifikati. Madankollu, dawn l-interventi differenti, li jaqgħu strettament taħt l-eżerċizzju ta' setgħa limitata, ma jmorrux lil hinn mis-sempliċi kollaborazzjoni amministrattiva u mis-sempliċi amministrazzjoni teknika tal-miżuri eċċezzjonali deċiżi mill-Kummissjoni.

47. Għaldaqstant, meħuda fl-intier tagħhom, il-miżuri eċċezzjonali adottati mill-Kummissjoni kienu bla dubju jeħtieġu l-adozzjoni ta' atti amministrattivi, iżda dawn ma kinux jeħtieġu verament miżuri ta' implementazzjoni. Fis-sens li ppruvajt niddeskrivi iktar 'il fuq, huma r-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nru 293/2011 u Nru 393/2011, b'mod partikolari, li bla dubju ta' xejn kienu jinkludu l-"miżuri ta' implimentazzjoni" li jikkorrispondu għar-rekwiżit ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 222/2011 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011. Dawn b'xi mod kienu jikkostitwixxu *l-mument* tal-implementazzjoni, fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' parargrafu tal-Artikolu 263 TFUE, tar-Regolament Nru 222/2011 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011, tal-ewwel żewġ regolamenti. Min-naħa l-oħra dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-atti amministrattivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

48. Għaldaqstant inqis li hemm lok li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti jiġi milqugħ u li għaldaqstant hemm lok li s-sentenza appellata tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nru 302/201 u 393/2011 kienu jinvolvu miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

21 — Ara l-Artikolu 2(2) u (4) tar-Regolament Nru 222/2011, u l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 302/2011, li jirreferi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009, tal-25 ta' Settembru 2009, li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, p. 82).

V – **Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors tal-appellanti u fuq ir-rinviju lill-Qorti Ġenerali**

49. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ tal-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

50. F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni, f'dan l-istadju tal-proċeduri, li tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, hija għandha, min-naħa l-oħra, l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament fuq l-eċċezzjoni ta' ammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni matul il-proċeduri tal-ewwel istanza, sa fejn din tirrigwarda r-rikors kontra r-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nri 302/2011 u 393/2011, dwar il-kwota tariffarja ta' importazzjoni eċċezzjonali [22].

51. Fil-fatt, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ma jistax jitqies li dawn iż-żewġ regolamenti ta' implementazzjoni jinvolvu miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk ma huwiex ikkontestat li, fil-kapaċità tagħhom ta' raffineriji taz-zokkor tal-kannamiela importat, l-appellanti għandhom *locus standi* fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti u dawn ir-regolamenti jirrigwardawhom direttament.

52. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tiddeċiedi fuq it-talbiet tal-appellanti intiżi għall-annullament tar-Regolamenti ta' Implementazzjoni Nru 302/2011 u Nru 393/2011.

VI – **Konklużjoni**

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni(T-279/11, EU:T:2013:299), hija annullata.

2) Ir-rikors ippreżentat minn T & L Sugars Ltd u minn Sidul Açúcares Unipessoal Lda kontra r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 302/2011, tat-28 ta' Marzu 2011, li jiftaħ kwota tariffarja eċċezzjonali għal ċerti kwantitajiet ta' zokkor għas-sena tas-suq 2010/2011, u Nru 393/2011, tad-19 ta' April 2011, li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2011 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji, huwa ammissibbli.

3) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tiddeċiedi fuq il-mertu.

4) L-ispejjeż huma rriżervati.

22 — Ara, bħala preċedent, is-sentenza 3F vs Il-Kummissjoni (C-319/07 P, EU:C:2009:435, punt 98).